MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Numru 1061/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**
**V**

**JOSEPH ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ZAMMIT** ta' tnejn u ghoxrin sena bin Emanuel u Rita nee Cauchi, imwieled Pieta nhar d-dsatax ta' Lulju 1980 u joqghod 20, 'Morning Glory', Triq il-Harifa, Mosta, detentur tal-karta tal-identita` numru 353580M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tnejn ta' Dicembru 2002 u fil-jiem ta' wara f'dawn il-Gzejjer rrendejt ruhu komplici f'delitti ta' holqien qarrieqi ta' provi foloz kif stipulat fl-artikolu 110(1)(2) tal-Kap 9 u ta' frodi b'eghmil qarrieqi kif stipulat fl-artikoli 308 u 309 tal-istess Kap, billi b'xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lil

awtur jew lil awturi tad-delitti fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew ippreparati jew ikkonsmati.
Izda pero minn ezami tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2003, l-Avukat Generali ghogbu jakkuza lil imputat biss bir-reat t'attentat ta' frodi b'eghmil qarrieqi u mhux aktar bir-reat ta' holqien qarrieqi ta provi foloz u ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina l-fatti kif ppruvati mill-Prosekuzzjoni fid-dawl ta' dawn l-artikoli tal-ligi u cioe 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi **l-Ufficjal Prosekutur Geoffrey Azzopardi xehed** nhar l-ghoxrin ta' Frar 2003, u spjiega kif nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003, huwa nghata struzzjonijiet minghand s-superjuri tieghu sabiex jindaga fuq rapport li kien ghamel Lino Cremona lil Pulizija.

Dan Lino Cremona kien sostna li huwa ircieva ittra minghand in-neputi tieghu certu John Debono li kien qed jallega li kien gie sekwestrat u konsegwentement talab somma flus biex ikun jista jigi mehlus mill-persuna li allegatament kienet hatfitu.  Lino Cremona kien qal lil Ufficjal Prosekutur li l-ittra kien irceviha tramite impjegat ta' dan Joseph Debono, certu Joseph Zammit li wara rrizulta li kien l-imputat.

Sussegwentement huwa ghamel cekk ta' erbat elef lira u ghaddih lil imputat.  Il-Pulizija tkellmet ma dan John Debono li ammetta maghhom li l-kwistjoni kienet giet kollha simulata.  Qalilhom li kien jinsab f'sitwazzjoini prekarja hafna u ghalhekk ried jakkwista xi flejjes malajr biex jhallas xi djun li kellu.

**Carmel Cremona xehed** nhar t-tmintax ta' Marzu 2003 fejn spjiega li l-imputat hadlu ittra mibghuta minghand n-neputi tieghu John Debono.  Huwa staqsa lil imputat dwar il-kontenut tal-ittra u cioe jekk kien jaf min kienu n-nies li

kienu qed jissekwestrawh, l-imputat wiegeb fin-negattiv. Huwa kien ftiehem mal-imputat sabiex imur jgib cekk fl-ammont ta' erbat elef lira maltin minn fuq il-post tax-xoghol u fil-att gabru minghand il-gwardjan tal-post tax-xoghol tieghu. Huwa kkonferma li meta c-cekk effettiv gie msarraf huwa ma kellux kuntatt mal-imputat.

**John Debono xehed** nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2003 u stqarr li huwa kien ghadda proceduri kriminali. Huwa gharaf lil imputat bhala l-bniedem li kien jahdem ghalih u li darba minnhom fost in-numru ta' qadi li baghtu jaghmel ghalih, kellu imur johodlu ittra ghand zijuh liema ittra kien ghaddiehlu go envelopp maghluq. Huwa kkonferma li fl-ebda hin ma iddiskuta l-kontenut tal-ittra mal-imputat. Tah wkoll in-numru tat-telefon cellulari tieghu sabiex ikun jista jzomm kuntatt mieghu.

Fil-fehma tieghu l-imputat ma kienx jaf lil zijuh qabel dan l-episodju u dakinhar zijuh kien ghadda cekk ta' erbat elef lira lil imputat biex jigi moghti lilu. L-imputat, sa fejn jaf hu, sarraf dan ic-cekk u ghaddilu l-ammont kollu tal-flus u cioe l-erbat elef lira intiera. Mistoqsi jekk huwa weghdux xi kumpens jew hlas ghal dak li kien qed jaghmel huwa wiegeb fin-negattiv.

**L-imputat, a tempo vergine tal-investigazzjoni kien irrilaxxja zewg stqarrijiet li jinsabu esibti fl-atti w immarkati bhala dokumenti GA 1 u GA 2,** a fol 10 et seq tal-atti odjerni.

Issa minn ezami ta' dawn iz-zewg stqarrijiet, jirrizulta li l-imputat kien beda l-impjieg tieghu ma John Debono mas-socjeta Acquacare Limited f'Novembru 2002. Huwa spjiega kif ha l-ittra esibita fl-atti bhala dokument GA 3, lil Lino Cremona iz-ziju tal-imputat fuq struzzjonijiet tieghu u kif l-ghada, dan Lino Cremona kien cempillu u qallu biex imur jigbor cekk, kif del resto kien ghamel u wara kien ghadda dawn il-flejjes lil istess John Debono go l-istess envelopp li kien tahulu l-kaxxier tal-bank.

Illi di pui **nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003, l-imputat xehed viva voce l-Qorti minn jeddu** fejn spjiega kif dan

John Debono kien dahaq bih billi offirlu job mieghu suppost biex jaghmel xi restorazzjoni u refurbishment ta' bini u wara li telaq mix-xoghol li kellu, l-imputat ma zammx kelmtu u kien jibghatu 'l hemm u 'l hawn biex jaqdih u multo magis minghajr hlas ghaliex effettivament qatt ma hallsu.

Huwa spjiega fid-dettal il-kwistjoni tal-ittra meritu tal-kawza odjerna u cioe kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija. Huwa kkonferma li l-ittra ma kienx jaf x'fiha, flus ma ha xejn min din il-facenda u x'kien qed jigri lanqas ma kien jaf. Huwa beda jobdi l-ordnijiet ta' John Debono peress li kien l-imghallem tieghu u xejn aktar.

Illi l-imputat gie akkuzat li bhala komplici kkommetta r-reat ta' frodi.

Illi l-artikolu 42(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li persuna ghandha titqies komplici f'delitt jekk hija "<u>b'xi mod li jkun xjentement ikun ghamel jew assista lil awtur jew lil awturi tad-delitt li bihom d-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat</u>."

Illi minnufih jirrizulta li l-persuna li tkun ghenet lil awtur trid tkun tat l-assistenza taghha <u>xjentement</u> u b'hekk il-legislatur ried li persuna li tkun qed tghin trid tkun qed tassisti voluntarjament b'manjiera xjenti u cioe li qed tiffacilita l-kommissjoni tar-reat.

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu jghid:

*"It is essential that the accomplice should have acted 'knowingly', that is, with the consciousness and intention of the co-operating for the perpetration of the offence."*

Fil-fatt jkompli jghid li:

*"If a man does an innocent act of which another takes advantage to commit an offence, that man is not guilty as an accomplice."*

U dan ghaliex ma jistghax ikun hemm partecipazzjoni doluza minghajr evidenza ta' hsieb komuni bejn il-partijiet fil-kommissjoni tar-reat. Huwa importanti li l-att tal-komplici mhux biss sar xjentement izda li fil-fatt sar bil-hsieb li jghin lil awtur fil-perparazzjoni jew konsumazzjoni tar-reat.

L-awtur **Taljan Roberti** jghid:

*"L'assistenza dev'essere co-operativa, tale cioe che abbia esercitata una influenza nell'uno o nell'altro degli indicati fatti."*

Skond il-**Professur Mamo**:

*"The essence of participation lies in active co-operation between the parties so that they are joint causes of the offence."*

Issa mill-provi prodotti ma jirrizulta minn imkien li l-imputat kien jaf li qed jigi kommess xi reat, l-intenzjoni tieghu kienet wahda u cioe li jobdi l-ordni tal-imghallem tieghu. Xogholu kien biss dak ta' messaggier u cioe li jghaddi ittra min neputi ghal ziju u sussegwentement jsarraf cekk ta' ziju ghal neputi.

Illi b'dak li ghamel l-imputat u dak li qalu x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax li l-imputat b'xi mod ghen jew assista <u>xjentement</u> fil-kommissjoni tar-reat.
Illi l-imputat lanqas ma jista jinghad li hu kien l-awtur tad-delitt ta' frodi li gie akkuzat bih ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kellu intenzjoni jiddefroda lil xi hadd. Huwa ma wera ebda qerq biex jaghmel xi qligh ghaliex qligh effettiv ma ghamel xejn u wisq inqas ipprova jinganna lil xi hadd.

Jekk verament gie ingannat xi hadd, kien l-istess imputat meta biddel l-imjieg tieghu biex jimpjega ruhu ma John Debono u kien l-istess John Debono li abbuza mill-onesta u tjubija tal-imputat.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali u cioe l-artikolu 42, 43, 44, 45, 46, 47, 308, 309, 310, 31, 20, 23, 30 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH ZAMMIT hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minhom.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tikkudnanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' esperti u periti nominati tul l-kumpilazzjoni, il-Qorti rat li ma kien hemm ebda nomina f'dan is-sens f'dawn il-proceduri u anke kieku, in vista tal-liberazzjoni tieghu il-Qorti qed tichad tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------